MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-14 ta' April, 2014

Numru. 437/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Mahmud Giuma El Saadi**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Mahmud Giuma El Saadi, imwieled il-Libja, fil-1 ta' Novembru 1976 u joqghod 89, Flat 2, Triq San Kristofru, Valletta, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 22598(A):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-17 ta' Gunju 2010 u matul l-ahhar xhur ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina u eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. B'hekk irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni. Ghalkemm id-difiza inghatat sat-30 ta' Jannar 2014, sabiex tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet taghha, din in-nota baqghet ma gietx prezentata.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Fis-seduta tal-5 ta' April 2013, xehed **l-Ispettur Spiridione Zammit**[1]. Huwa qal illi fis-17 ta' Gunju 2010, wara li dahlet telefonata anonima li nfurmat lill-Pulizija tal-Ghassa ta' Rahal Gdid, illi kien hemm xi persuni li kienu qeghdin jabbuzaw mid-droga gewwa l-*ground* ta' Pace Grasso, kienu marru fuq il-post PS Sacco, PC 367 u PC 1554 Decesare, li sabu zewgt irgiel gewwa l-*ground* tal-futboll. Wiehed minn dawn u cioe` l-imputat, kien gie osservat jitfa' xi haga mal-art. Il-pulizija kienu fittxew fuq il-persuna tieghu, izda ma nstab xejn. Meta fittxew mal-art, huma kienu sabu xi siringi wzati. Minn tfittxija li saret fuq il-persuna l-ohra – cioe` certu Aaron Steven Stewart Edward Ritchie – ma kien instab xejn. L-imputat irrilaxxja stqarrija dakinhar stess tas-17 ta' Gunju 2010.

Fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2013, in kontro-ezami, **l-Ispettur Spiridione Zammit**[2], qal illi huwa ma marx fuq il-post, izda marru ufficjali ohra tal-Pulizija, fosthom PS 353. Meta saritlu referenza ghall-fatt illi PS 353 xehed illi l-oggett mormi mill-imputat seta' kien siringa, izda ma setax jikkonferma dan u gie mistoqsi ghalhekk kif f'dawn ic-cirkostanzi, seta' jikkonferma illi s-siringa in kwistjoni kienet tal-imputat, huwa wiegeb illi l-imputazzjonijiet odjerni inhargu a bazi tal-ammissjoni tal-imputat u li s-siringa ma gietx uzatha bhala prova. Mistoqsi jekk setax kien hemm xi zball fit-*typing* tal-istqarrija, fis-sens illi l-imputat fil-verita` kien qal illi mhux minnu li kien ser jittaqqab u li mhux veru kellu d-droga, ix-xhud wiegeb illi l-imputat kien ammetta mieghu li jiehu d-droga u li fl-istqarrija, huwa kien nizzel dak kollu li kien qallu l-imputat. In oltre, l-istqarrija giet moqrija lill-imputat. Qal ukoll illi l-imputat kien jifhem tajjeb bil-Malti u li ma kienx hemm problemi f'dan is-sens.

[1] A fol. 8 sa 10 tal-process.
[2] A fol. 30 sa 35 tal-process.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fis-17 ta’ Gunju 2010[3], u dan wara li nghata s-solita twissija illi kellu d-dritt illi jibqa’ sieket, imma dak li jghid jista’ jingieb bhala prova, u wara li gie moghti d-dritt li jikkonsulta ma’ avukat, liema dritt huwa rrifjutah, **l-imputat** meta mistoqsi jekk jifhimx bil-malti sew, wiegeb fl-affermattiv u kkonferma illi huwa kien instab mill-Pulizija, fil-*ground* ta’ Pace Grasso, Rahal Gdid, xi s-7.30 p.m., flimkien ma’ persuna ohra. Qal illi huwa dahal hinijiet qabel ma waslu l-pulizija, sabiex jiehu d-droga kokaina u illi meta marru l-pulizija fuqu, huwa kellu siringa bil-kokaina u ramiha mal-imbarazz, fejn kien hemm balla labar ohrajn uzati. Mistoqsi jekk kienx lahaq ha droga, huwa wiegeb fin-negattiv u qal illi kien ser jittaqqab, izda kif induna bil-pulizija, rema s-siringa bid-droga gewwa fiha. Huwa qal illi qabel waslu l-pulizija, huwa diga` kien ipprova jsib il-vina fil-pala ta’ jdejh u lahaq ittaqqab ftit. Huwa xtara l-kokaina dakinhar, filghodu, bil-prezz ta’ Eur 10. Qal illi kultant jiehu l-eroina u l-kokaina. Qal illi ilu snin jiehu d-droga u illi qieghed fuq il-kura tal-*methadone* u li jixtieq jibda programm biex johrog mill-vizzju.

Fis-seduta tal-5 ta’ April 2013, xehed **PS 353 Antoine Sacco**[4], li qal illi fis-17 ta’ Gunju 2010, huwa kien mar gewwa Pace Grasso, flimkien ma’ PC 1544 u PC 367. Huma dahlu gewwa l-*ground* minn bokka u cioe` minn fetha fejn kien hemm zewgt iknaten maqlughin. Ix-xhud spjega illi dan il-post m’ghadux jintuza u li l-*gate* kienet maghluqa. Fuq in-naha tal-lemin, huwa nnota zewgt irgiel u nnota wiehed minnhom – u cioe` lill-imputat - jarmi xi haga. Qalli illi fl-art kien hemm hafna siringi u ghalkemm l-oggett li ntrema seta’ kien siringa, huwa ma setax jikkonferma dan. Huwa ra xi demm fuq l-id ix-xellugija tal-imputat. In kontro-ezami, huwa qal illi d-demm kien qieghed fil-parti tal-*upper arm* tal-imputat. Minn tfittxija li saret fuq il-persuna taghhom, ma nstab xejn illegali.

Fis-seduta tal-14 ta’ Ottubru 2013, dan ix-xhud rega’ xehed in ezami.[5] Huwa kkonferma illi huwa kien ra lill-imputat jarmi xi haga, ghalkemm ma setax jghid x’kienet, apparti li mal-art kien hemm hafna siringi. Qal ukoll illi fuq idu x-

[3] A fol. 11 u 12 tal-process.
[4] A fol. 15 sa 17 tal-process.
[5] A fol. 51 sa 54 tal-process.

xellugija, fid-driegh, l-imputat kellu xi demm, u cioe` qtar tad-demm, li tah x'jifhem illi l-imputat kien ghadu kemm abbuza mid-droga.

Fl-istess seduta xehed ukoll **PC 367 Michael Sacco**[6], li kkonferma li flimkien ma' PS 353 huwa kien mar fuq il-post, ra lill-imputat flimkien ma' persuna ohra, u li l-imputat rema xi haga mal-art. Huma bdew ifittxu fuq il-post biex jaraw x'seta' rema l-imputat, izda kien hemm hafna siringi u affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga. Minn tfittxija li saret fuqhom ma nstab xejn. In kontro-ezami, mistoqsi x'distanza kien hemm bejnu u l-persuni fil-*ground* meta huwa lemahhom, huwa qal li kien hemm wisa' tal-awla u kkonferma li minn dik id-distanza, huwa ra lill-imputat jarmi xi haga, oggett zghir, li kien f'idejh. Qal illi huwa rah jitlaq dan l-oggett mal-art. Spjega li dan kien post abbandunnat, mimli imbarazz, karti u siringi u ghalhekk ghalkemm fittex biex jara x'seta' rema l-imputat, ma gie elevat xejn. In ri-ezami, ix-xhud qal illi ma kienx hemm dawl, ghalkemm ma kienx dlam cappa. Il-pulizija dahlu fil-post minn toqba.

Fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2013, xehed **l-imputat, Mahmud Giuma El Saadi.**[7] Huwa qal illi ma kienx ammetta waqt l-interrogazzjoni li saritlu. Qal illi huwa kien qieghed gewwa *ground* antik, il-Fgura jew Rahal Gdid, marru fuqu l-Pulizija u talbuh biex imur maghhom gewwa l-Ghassa. Mar fl-Ghassa, staqsa ghaliex kien qieghed hemm u qalulu li kien ser ikellmu l-Ispettur. Meta l-Ispettur staqsieh x'kien qed jaghmel hemm, huwa wiegbu illi ma kien qed jaghmel xejn u li kien sempliciment dahal hemmhekk. Huwa rrilaxxja stqarrija, kellu jiffirmaha, iffirmaha u telaq. Mistoqsi jekk kinitx inqratlu l-istqarrija, huwa wiegeb fin-negattiv u qal illi lanqas jaf x'kien hemm miktub fl-istqarrija. Qal illi bil-Malti ma jafx jaqra u meta gie ssuggerit lilu illi huwa jifhem u jitkellem il-lingwa Maltija, izda ma jaqrax, huwa qal illi hemm kliem li ma jafx xi jfisser ezatt. Qal illi ma jifhimx kollox bil-Malti. Sussegwentement, meta rega' gie mistoqsi jekk l-istqarrija kinitx inqratlu, huwa qal illi ma jiftakarx sewwa li nqratlu ghax telaq l'hemm, u li l-Ispettur qallu sabiex jiffirma u hu ghalhekk iffirma. Mistoqsi jekk kienx jiftakar x'qal lill-Ispettur fl-istqarrija, huwa qal li ma

[6] A fol. 20 sa 23 tal-process.
[7] A fol. 36

kienx jiftakar ezatt. Qal illi meta nstab fil-*ground*, huwa ma ammetta xejn mal-Pulizija.

In kontro-ezami, huwa kkonferma li dakinhar fil-*ground* kien hemm persuna ohra mieghu, certu Aaron, kunjomu ma jafux. Qal illi qabel marru l-Pulizija, huma kien qed jitkellmu. Meta gie ssuggerit lilu illi huwa kien rema s-siringa minn idejh qabel gew il-Pulizija, huwa qal li dan ma kienx minnu. Ikkonferma illi lill-Ispettur huwa kien qallu illi kien jifhem bil-Malti u li l-Ispettur beda jkellmu bl-ghajjat u bin-nervi. Qal illi l-Ispettur ma kienx qallu illi kellu d-dritt illi jikkonsulta ma' avukat. Innega li huwa qal illi kellu siringa f'idejh u nnega li rema siringa mal-art. Qal illi huwa ma qalx illi kien ser jiehu d-droga u li ma hax id-droga u cahad li huwa wiegeb bil-mod kif indikat fl-istqarrija. Mistoqsi mill-Qorti jekk jiehux *methadone*, huwa wiegeb fl-affermattiv u qal illi jiehu l-*methadone* ghaliex qabel kien jabbuza mid-droga. Fir-rigward tat-twegiba tieghu fl-istqarrija fis-sens illi huwa qal illi kien bi hsiebu jibda programm biex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, huwa qal illi jista' jkun li kien qal hekk ghax kien mar il-*Caritas.* Huwa gharaf il-firma tieghu fuq l-istqarrija.

In ri-ezami, l-imputat wiegeb illi l-Ispettur ma kienx qralu l-istqarrija qabel iffirmaha. Qal ukoll illi dak il-hin stess, huwa kien inghata kopja tal-istqarrija mill-istess Spettur.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat tikkontempla l-pussess semplici tad-droga kokaina u d-droga eroina.

Fir-rigward tad-droga kokaina, l-imputat ammetta, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, illi dakinhar tas-17 ta' Gunju 2010, huwa dahal fil-*ground* ta' Pace Grasso gewwa Rahal Gdid sabiex jiehu d-droga kokaina u hekk kif ra lill-pulizija, huwa

rema s-siringa bil-kokaina mal-imbarazz, fejn kien hemm labar ohrajn uzati. Qabel ma gew il-Pulizija, huwa kien ipprova jsib il-vina u lahaq ittaqqab ftit, izda ma kienx ghadu abbuza mid-droga. F'dawn il-proceduri, madankollu, l-imputat xehed illi huwa ma qal xejn minn dan kollu fl-istqarrija rilaxxjata minnu, illi huwa ma jafx jaqra bil-Malti u ghalkemm jifhem bil-Malti, hemm xi kliem li ma jifhimhomx, u illi l-istqarrija ma nqratlux qabel ma ffirmaha. Xehed ukoll illi ma nghatax id-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni.

Il-Qorti, wara li semghet lill-imputat jixhed quddiemha, u rat ukoll il-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda, u wara li fliet l-atti processwali u semghet ukoll ix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija, ma temminx il-verzjoni tal-imputat moghtija minnu f'dawn il-proceduri, izda temmen illi l-verzjoni korretta dwar x'gara u ma garax dakinhar tas-17 ta' Gunju 2010, kienet fil-fatt dik li ta l-imputat *a tempo vergine* fl-istqarrija tieghu. Jibda biex jinghad illi fl-istqarrija tieghu, l-imputat spjega fid-dettal dak li kien gara qabel dahlu l-Pulizija fl-imsemmi *ground*, kif ukoll x'ghamel hu x'hin intebah bl-istess Pulizija. Huwa ta anke d-dettalji dwar il-prezz tad-droga kokaina u qal ukoll li kien xtraha dakinhar stess, filghodu. Ammetta wkoll illi kien ilu snin jiehu d-droga kokaina u eroina. In oltre, dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu dwar x'gara hekk kif ra lill-Pulizija fil-*ground*, huwa korroborat ukoll mill-istess ufficjali tal-Pulizija. Kemm PS 353 Antoine Sacco, kif ukoll PC 367 Michael Sacco xehdu illi raw lill-imputat jarmi xi haga minn idejh, ghalkemm ma setghux jghidu x'kien rema ezattament. Il-fatt illi huma raw lill-imputat jarmi xi haga minn idejh jikkorrobora dak li jghid l-imputat fl-istqarrija tieghu fis-sens illi x'hin ra lill-Pulizija, huwa rema s-siringa bid-droga fiha. Mhux biss, izda PS 353 Antoine Sacco jghid illi huwa ra qtar ta' demm fuq id-driegh ix-xellugija tal-imputat, li wkoll jikkorrobora dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu, fis-sens illi huwa kien lahaq ittaqqab ftit, qabel ma waslu l-pulizija.

In oltre il-fatt illi l-imputat dahal gewwa l-*ground* Pace Grasso - post abbandunat u mitluq - ikompli jikkonferma illi l-imputat kien qieghed f'dan il-post ghal raguni wahda biss u cioe` sabiex jabbuza mid-droga.

Dwar dak li xehed l-imputat, imbaghad, fis-sens illi huwa ma jifhimx kollox bil-lingwa Maltija, li ma nqratlux l-istqarrija rilaxxjata minnu u li l-Ispettur Zammit ma avzahx bil-jedd li jkellem avukat qabel l-interrogazzjoni, il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex temmen il-verzjoni tal-Ispettur Zammit, fis-sens illi fl-ewwel lok, l-imputat jifhem il-Malti sewwa, tant li huwa ma kellu l-ebda problema sabiex jikkomunika mieghu. Dan jirrizulta wkoll mill-istqarrija stess, fejn ghad-domanda maghmula lilu jekk huwa jifhimx bil-Malti sew, l-imputat wiegeb fl-affermattiv, apparti illi fix-xhieda tieghu, l-imputat ukoll ikkonferma li kien qal hekk lill-Ispettur qabel l-interrogazzjoni.[8] Il-Qorti tinnota wkoll illi anke waqt ix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat tkellem bil-Malti sew u ma kien hemm l-ebda problema ta' komunikazzjoni. L-imputat ghazel li jiffirma wkoll l-istqarrija rilaxxjata minnu u fuq l-istess stqarrija, iffirma wkoll ezattament taht it-twissija li nghatat lilu mill-Ispettur Zammit, inkluz illi gie moghti d-dritt li jikkonsulta ma' avukat, liema dritt huwa ghazel li jirrifjutah. Fit-tmiem tal-istqarrija, huwa rega' ffirma taht id-dikjarazzjoni illi ghamel l-istqarrija volontarjament – fatt illi huwa qatt ma nnegah – u li l-istqarrija inqratlu qabel iffirmaha. Imbaghad, l-imputat xehed ukoll illi huwa kien inghata kopja tal-istqarrija dakinhar stess. U minkejja dan, u minkejja wkoll illi skond hu, qatt ma qal id-diskors imnizzel fiha (kif lanqas ma qal x'diskors allura kien intqal minflok), qabel ma ta x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, izjed minn tlett snin wara li rrilaxxja l-istqarrija, huwa qatt ma fittex li jikkontesta l-kontenut tal-istess stqarrija.

Ghaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti, il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina fis-17 ta' Gunju 2010 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data.

Fir-rigward tad-droga eroina, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat qal illi kultant huwa jiehu d-droga eroina u illi ilu snin jiehu din id-droga u d-droga kokaina. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina matul l-ahhar xhur ta' qabel is-17 ta' Gunju 2010, sal-grad rikjest mil-ligi.

---

[8] A fol. 42 tal-process.

Il-Qorti giet mitluba wkoll titratta mal-imputat bhala recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fir-rigward ta’ dan l-addebitu, il-Prosekuzzjoni esebiet sentenza moghtija kontra l-imputat, minn din il-Qorti kif diversament presjeduta, fit-8 ta’ Gunju 2006,[9] permezz ta’ liema sentenza l-imputat kien gie illiberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tmintax-il xahar mid-data tal-istess sentenza.

F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fis-17 ta’ Settembru 2004, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Agius**, fejn l-appellat f’dik il-kawza kien ammetta *inter alia* ghall-addebitu tar-recidiva u dan fir-rigward ta’ sentenza fejn kien tqieghed taht Ordni ta’ *Probation*. Il-Qorti tal-Appell, f’dak il-kaz, qalet hekk:

*“Dak li qieghed jippreokkupa din il-Qorti pero` huwa l-fatt li l-appellat gie addebitat b'recidiva dwar sentenza li permezz taghha huwa kien tqieghed taht probation ghal perijodu ta' tliet snin skond l-artikolu 7 tal-Kap. 446. Ghalhekk, QATT MA SETA' JIGI ADDEBITAT MILL- PULIZIJA EZEKUTTIVA BIR-RECIDIVA DWAR DIK IS- SENTENZA. U m'hemm l-ebda dubju dwar liema sentenza din l-imputazzjoni kienet qed tirreferi. Persuna titqies li hija recidiva "jekk, wara li tkun giet ikkundannata ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, taghmel reat iehor" (artikolu 49 tal-Kap. 9). U s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 25 ta' l-Att dwar il-Probation (Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi:*

*"Bla hsara ghal dak hawn iktar 'il quddiem provdut, dikjarazzjoni ta' htija dwar xi reat li dwaru ssir ordni taht dan l-Att li bih il-hati jitqieghed taht sanzjoni komunitarja jew li tkun tillibera lill-hati ghal kollox jew kondizzjonalment ghandha titqies bhala li ma tkunx dikjarazzjoni ta' htija ghal ebda fini li jkun, minbarra –*

---

[9] A fol. 27 et seq tal-process.

*(a) l-finijiet tal-proceduri li fihom issir l-ordni u ta' kull procedura sussegwenti li tista' tittiehed kontra l-hati taht id-disposizzjonijjiet ta' qabel ta' dan l-Att, u*

*(b) fil-kaz ta' ufficjal pubbliku, il-finijiet jew kull procedura dixxiplinari li tista' tittiehed kontra, jew kull punizzjoni dixxiplinari li tista' tigi imposta fuq dak l-ufficjal pubbliku b'konsegwenza ta' xi tali dikjarazzjoni ta' htija jew ta' xi wiehed mill-fatti li jikkostitwixxu r- reat".*

*Il-kaz odjern ma jaqa' taht l-ebda wahda mis-sitwazzjonijiet fil-paragrafi (a) jew (b). Konsegwentement id-dikjarazzjoni ta' htija fil-proceduri kontra l-appellat u li temmew bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-28 ta' Marzu 2003 li permezz taghha huwa tqieghed taht probation ghal perijodu ta' tliet snin, ma setghet QATT titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija ghall-finijiet ta' recidiva.*

Il-konsiderazzjonijiet legali ta' dik il-Qorti japplikaw bl-istess mod ghal dan il-kaz, fis-sens illi d-dikjarazzjoni ta' htija fil-konfront tal-imputat permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Gunju 2006, fejn l-imputat inghata liberazzjoni kundizzjonata, ma tistax titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija ghal fini tar-recidiva.

Ghaldaqstant l-imputat m'huwiex ser jigi trattat bhala recidiv.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, l-fedina penali tal-imputat li fiz-zmien li fih sehhew ir-reati odjerni, kienet tinkludi *inter alia* sejbien ta' htija, f'zewg okkazzjonijiet ohrajn, dwar reati konnessi mad-droga, dwar liema l-imputat inghata liberazzjoni kundizzjonata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat **hati** tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda **mhux hati** tal-addebitu tar-recidiva u tikkundannah ghal **piena ta’ multa ta’ seba’ mija u hamsin Euro (€750)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta’ din is-sentenza.  Pero` jekk il-hati jonqos illi jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi kkonvertit fi prigunerija ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------